C/2024/877

6.2.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Politiki u strateġiji tal-enerġija fir-Reġjun Ewro-Mediterranju"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/877)

Relatur: **Ioannis VARDAKASTANIS**

Korelatur: **Maria Helena DE FELIPE LEHTONEN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.2.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	28.9.2023
Adozzjoni fil-plenarja	26.10.2023
Sessjoni plenarja Nru	582
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	214/2/3

1. Konklużjonijiet

1.1. Ir-reġjun tal-Mediterran ser jiġi affettwat b'mod sproporzjonat mill-kriżi klimatika u diġà ġie identifikat bħala hotspot tal-kriżi klimatika globali.

1.2. It-tranżizzjoni mill-idrokarburi għal ekonomija tal-enerġija rinnovabbli fir-reġjun Ewro-Mediterranju tista' tkun strument siewi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kummerċ reġjonali, u l-kooperazzjoni.

1.3. Il-bidla minn sistema tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili għal sistema ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli inevitabbilment għandha konsegwenzi ġeopolitiċi, ekonomiċi u soċjali, li jinvolvu "telliefa fit-tranżizzjoni", li jistgħu jittaffew mill-Unjoni Ewropea.

1.4. Minħabba l-komplementarjetajiet tal-enerġija bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, l-interkonnessjonijiet tal-enerġija huma kruċjali għall-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija integrata fiż-żona Ewro-Mediterranja.

1.5. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jistgħu jsiru parti essenzjali minn strateġija Ewropea ġdida dwar l-enerġija fir-reġjun Ewro-Mediterranju.

2. Introduzzjoni

2.1. Ir-reġjun tal-Mediterran kien ta' importanza strateġika għall-provvista tal-enerġija tal-UE, prinċipalment minħabba l-enerġija mill-fjuwils fossili importata minn għadd ta' pajjiżi fir-reġjun. Ir-relazzjonijiet tal-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran kienu kkaratterizzati kemm mill-kooperazzjoni kif ukoll minn tensjonijiet strateġiċi. Il-kuntest ġeopolitiku u tal-enerġija attwali huwa mistenni li jsaħħaħ l-importanza tal-enerġija u jpoġġiha fil-qalba tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji.

2.2. Ir-reġjun tal-Mediterran ser jiġi affettwat b'mod sproporzjonat mill-kriżi klimatika u diġà ġie identifikat bħala wieħed mill-hotspots tal-kriżi klimatika globali. Is-sitwazzjoni drammatika tiegħu tenfasizza l-ħtieġa imperattiva li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Peress li s-settur tal-provvista tal-enerġija huwa l-akbar kontributur għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, hija prijorità li titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija mill-fjuwils ibbażati fuq il-fossili għal fjuwils b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju fir-reġjun tal-Mediterran.

2.3. Filwaqt li l-pajjiżi tal-UE żviluppaw politiki għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, li eventwalment wassal għall-adozzjoni tal-aktar strateġija trasformattiva ambizzjuża madwar id-dinja, il-pajjiżi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran bħalissa mhumiex mexjin bl-istess pass lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija tagħhom. F'dak ir-rigward, il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa mudell ta' ispirazzjoni, strument ewlieni għal kooperazzjoni akbar fl-enerġija u opportunità għal politika tal-enerġija aktar sostenibbli fil-Mediterran kollu.

2.4. Il-Mediterran huwa mogħni b'sorsi sinifikanti ta' enerġija rinnovabbli li joffru opportunitajiet mingħajr paragun għas-sigurtà tal-enerġija u l-kooperazzjoni fir-reġjun kollu. Il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, b'mod partikolari, għandhom fost l-aqwa potenzjal ta' enerġija solari fid-dinja. Dan il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli jikkuntrasta mas-sitwazzjoni attwali tal-inugwaljanza u d-diversità li tikkaratterizza x-xenarju tal-enerġija tal-Mediterran. Xenarju ġdid tal-enerġija bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli ser jipprovdi l-opportunità li jiġu inklużi aktar pajjiżi fil-kummerċ internazzjonali tal-enerġija.

2.5. Filwaqt li l-pajjiżi tat-Tramuntana tal-Mediterran esperjenzaw tnaqqis fid-domanda għall-enerġija, id-domanda għall-enerġija fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran qed tiżdied kontinwament, xprunata mit-tkabbir demografiku u ekonomiku u l-elettrifikazzjoni. Skont il-projezzjonijiet, distakk sinifikanti bejn id-domanda u l-provvista jista' jsir realtà fid-deċennji li ġejjin fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

2.6. Minbarra t-tranżizzjoni tal-enerġija, il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna fixklet b'mod sinifikanti x-xenarju tal-enerġija, li diġà kien volatili ħafna wara l-pandemija tal-COVID-19. Din poġġiet l-enfasi fuq il-pilastru fundamentali l-ieħor tal-politiki tal-enerġija: l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija. Bħala konsegwenza tal-invażjoni Russa, l-UE ddeċidiet li telimina gradwalment id-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili Russi, u nediet il-pjan REPowerEU li għandu l-għan li jżid l-iffrankar tal-enerġija, jiddiversifika l-provvisti tal-enerġija u jaċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Konsegwentement, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet komunikazzjoni konġunta li tiddeskrivi l-impenn tal-UE fil-qasam tal-enerġija esterna f'dinja li qed tinbidel, li tat rwol kruċjali lill-Viċinat tan-Nofsinhar fid-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass tal-UE u fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-kummerċ tal-enerġija rinnovabbli, li b'ħekk poġġiet ir-reġjun fil-qalba tax-xenarju tal-enerġija emerġenti.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. "Tranżizzjoni ġusta u ekwa lejn ekonomiji u soċjetajiet ċirkolari, b'emissjonijiet baxxi, inklużivi, reżiljenti, sostenibbli fl-użu tar-riżorsi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija" hija għan komuni tat-43 pajjiż membru tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar l-Enerġija (14 ta' Ġunju 2021, Liżbona). It-tranżizzjoni tal-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran għalhekk teħtieġ tnaqqis sostanzjali u aktar mgħaġġel fil-produzzjoni u l-konsum tal-fjuwils fossili kemm fl-industrija kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. L-iżvilupp massiv tal-enerġija rinnovabbli, li flimkien mal-effiċjenza enerġetika jistgħu jippermettu li jintlaħqu l-objettivi tan-newtralità tal-karbonju, għadu taħt il-medja globali, u jirrappreżenta 11 % tal-konsum totali tal-enerġija fil-Mediterran.

3.2. Kif imsemmi fil-konferenza tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar il-Ġeopolitika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jagħmel lill-UE minn ta' quddiem nett fit-tranżizzjoni tal-enerġija, huwa xprun b'saħħtu għal azzjoni koordinata. F'dak is-sens, id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew hija dwar li l-UE tħajjar lill-ġirien tagħha biex jaqsmu l-istess ambizzjonijiet u jingħaqdu magħha fuq l-istess perkors ta' sostenibbiltà, li bħalissa mhuwiex il-każ fir-reġjun tal-Mediterran. Għall-UE, huwa partikolarment importanti li jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

3.3. Madankollu, il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran impenjaw ruħhom favur miri ambizzjużi sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli u effiċjenza enerġetika ogħla. Dawn il-miri jistgħu jintlaħqu biss b'rieda politika ċara u b'appoġġ tekniku u finanzjarju estern.

3.4. L-ammont ta' investimenti fl-enerġija meħtieġa biex tintlaħaq in-newtralità karbonika sal-2050 fir-reġjun tal-Mediterran huwa konsiderevoli: il-Perspettivi Mediterranji tal-Enerġija għall-2022 mill-OME (Observatoire Méditerranéen de l'Energie) jistmaw li dawn jaqbżu s-EUR 6 700 biljun. L-istess studju juri li nofs dawn l-investimenti se jkollhom isiru fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli waħedhom jgħoddu għal 70 % ta' dan l-ammont.

3.5. Id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Aġenda Ġdida għall-Mediterran u l-Istrateġija Esterna tal-UE dwar l-Enerġija jagħtu lill-UE rwol importanti fil-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fil-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha. Dan ir-rwol għandu jiġi indirizzat prinċipalment permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI — Ewropa Globali), li minnu 30 % ser ikunu ddedikati għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima u dak ambjentali. F'dan il-kuntest, huwa tal-akbar importanza li l-UE u l-imsieħba tagħha

jiffinalizzaw il-programmi indikattivi pluriennali li jistabbilixxu oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni, li ser jagħmluha possibbli li jitħaffef l-għoti tal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Għalissa, ftit huma l-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran li magħhom ġie konkluż l-ipprogrammar tal-assistenza finanzjarja tal-UE (l-Eġittu u l-Ġordan). Min-naħa l-oħra, is-sħubija ekoloġika ffirmata mill-UE u l-Marokk f'Ottubru 2022 biex id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew issir realtà hija mistennija li ssir mudell għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

3.6. Il-promozzjoni tal-infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli madwar il-Mediterran tista' tfeġġ bħala strument siewi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kummerċ reġjonali, u l-kooperazzjoni. L-iżvilupp ta' dawn l-infrastrutturi jista' jipprovdi opportunità ġdida għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Mediterran bħala fornitur ewlieni tal-enerġija għas-suq Ewropew, filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran. Barra minn hekk, l-iżvilupp tas-settur tal-enerġija rinnovabbli jistimula l-ħolqien tal-impjiegi (b'ħiliet għolja) u l-prosperità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomiji tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran. Permezz tal-Mediterran, l-Unjoni Ewropea tista' tassumi pożizzjoni ta' mexxejja fit-tranżizzjoni tal-enerġija u t-trasformazzjoni industrijali. Tabilħaqq, l-industriji Greentech ewlenin tal-UE jistgħu jsaħħu l-pożizzjoni globali u reġjonali tagħhom billi jinvestu fl-opportunitajiet offruti fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran.

3.7. Il-vantaġġ komparattiv tal-Mediterran fil-produzzjoni tal-enerġija solari u eolika u s-sinerġiji tiegħu mal-industrija tal-idroġenu nadif li qed tikber huma ovvji. Huwa ċar ukoll li l-enerġiji rinnovabbli marbuta mal-enerġija solari u eolika saru l-irħas sors ta' enerġija bis-saħħa tal-kostijiet li qed jonqsu malajr, u b'hekk joffru opportunitajiet biex jintlaħaq l-SDG 7 — "L-iżgurar tal-aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna".

3.8. L-idroġenu ekoloġiku ġibed attenzjoni sinifikanti f'dawn l-aħħar snin bħala mezz kruċjali biex jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tan-newtralità tal-karbonju. Bħala soluzzjoni rivoluzzjonarja għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tat-trasport tqil u industrijali, filwaqt li jippermetti l-ħżin u t-trasport tal-enerġija rinnovabbli, sar prijorità ewlenija tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

3.9. In-Nofsinhar tal-Mediterran ġie identifikat bħala wieħed mit-tliet kurituri ewlenin għall-importazzjonijiet tal-idroġenu ekoloġiku mill-UE f'dinja li qed tinbidel. Minħabba l-potenzjal enormi tagħhom fl-enerġija rinnovabbli, il-prossimità ġeografika tagħhom u l-kostijiet potenzjalment baxxi tal-produzzjoni tal-idroġenu fit-tul, il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran jinsabu f'pożizzjoni unika biex ipoġġu lilhom infushom fiċ-ċentru tal-katina tal-provvista tal-idroġenu ekoloġiku tal-UE. L-Aġenda Ġdida għall-Mediterran stabbiliet l-għan ta' mill-inqas 40 gigawatt ta' kapaċità tal-elettrolizzaturi fil-Viċinat tal-UE sal-2030.

3.10. Wara ż-żjara mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, fil-Kajr f'Ġunju 2022, tħabbar il-ħolqien ta' Sħubija Mediterranja għall-Idroġenu mal-Eġittu sabiex jiġi żviluppat is-settur tal-enerġija rinnovabbli tiegħu, il-produzzjoni tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli u l-infrastruttura u l-grilji elettriċi meħtieġa. Dan kien segwit minn memorandum ta' qbil dwar sħubija strateġika dwar l-idroġenu rinnovabbli, iffirmat mill-UE u l-Eġittu fil-marġini tal-COP27. F'dan ir-rigward, huwa fl-interess tar-reġjun li din is-sħubija tiġi estiża għal pajjiżi ġirien oħra, u b'hekk tinħoloq sħubija Mediterranja għall-idroġenu multilaterali u ġenwina. F'dan is-sens, huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-potenzjal tal-pjattaforma tal-gass tal-UgħM li tindirizza l-idroġenu. Il-Forum dwar il-Gass tal-Lvant tal-Mediterran huwa eżempju ieħor ta' pjattaforma ta' kooperazzjoni li tista' tiġi estiża għall-enerġija rinnovabbli u l-idroġenu ekoloġiku.

3.11. Għalkemm hija pilastru tat-tranżizzjoni tal-enerġija lejn ekonomiji newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u fattur ewlieni għas-sigurtà tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika ġibdet relattivament ftit attenzjoni mill-pajjiżi tal-UgħM. Minkejja l-potenzjal għoli fir-reġjun tal-Mediterran, l-effiċjenza enerġetika għadha fil-bidu tagħha, skont il-MedECC (Esperti tal-Mediterran dwar il-Klima u t-Tibdil Ambjentali). Madankollu, l-effiċjenza enerġetika tista' tgħin b'mod sostanzjali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg. Din tiffranka wkoll il-kostijiet u żżid il-produttività tal-kumpaniji, li hija ta' importanza kruċjali fil-kuntest attwali. It-trasport, l-industrija u l-kostruzzjoni huma setturi fejn jistgħu jsiru kisbiet sinifikanti, speċjalment fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, fejn id-domanda għall-enerġija ser tiżdied b'mod sostanzjali sal-2050.

3.12. L-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija saru prijorità għolja għall-UE, kif iddikjarat fil-pjan REPowerEU, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija fuq terminu qasir. L-istrateġija esterna tal-UE dwar l-enerġija tiddikjara wkoll li taħtha l-iffrankar u l-effiċjenza tal-enerġija jsiru prijorità globali filwaqt li l-esperjenza regolatorja, leġiżlattiva u tal-iffissar tal-istandards tagħha tista' tipprovdi eżempju attraenti li għandu jiġi segwit. Fir-reġjun tal-Mediterran, l-Aġenda Ġdida għall-Mediterran u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar l-Enerġija inkludew l-integrazzjoni tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fis-setturi u l-politiki kollha fost il-prijoritajiet tagħha. F'dak ir-rigward, il-Pjattaforma tal-UgħM dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Effiċjenza Enerġetika hija għodda interessanti għall-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika fil-pajjiżi tal-UgħM li l-potenzjal tagħhom jista' jiġi sfruttat bis-sħiħ.

3.13. Fir-reġjun tal-Mediterran, il-gass naturali qiegħed jaqdi rwol fit-tranżizzjoni tal-enerġija lejn modi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli billi jissostitwixxi l-faħam u ż-żejt fit-taħlita tal-enerġija. Dan ir-rwol ġie kkonfermat mill-fatt li t-tassonomija tal-UE tagħti l-istatus ta' "attivitajiet tranżizzjonali li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima" lil ċerti gassijiet fossili f'limitu ta' żmien, skont kundizzjonijiet speċifiċi u rekwiżiti ta' trasparenza. Il-gass naturali huwa mistenni li jkompli jaqdi rwol sinifikanti fit-taħlita tal-enerġija tal-UE sal-2030, u wara dan, l-użu tiegħu ser jonqos f'konformità mal-impenji tan-newtralità klimatika.

3.14. Kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar l-Enerġija u l-MtQ iffirmat reċentement bejn l-UE, l-Eġittu u Iżrael, huwa tal-akbar importanza li jsiru sforzi favur id-dekarbonizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-gass naturali fir-reġjun tal-Mediterran, speċjalment fir-rigward tat-tnixxijiet tal-metan. Għal dak l-għan, jistgħu jiġu ddedikati fondi speċifiċi għall-isforzi tar-riċerka u l-iżvilupp.

3.15. L-iskoperta ta' riżervi mdaqqsa ta' gass naturali fil-Lvant tal-Mediterran feġġet bħala opportunità kbira għall-pajjiżi littorali u għar-reġjun kollu kemm hu. Huwa ttamat li l-esplorazzjoni u l-monetizzazzjoni tar-riżervi tal-gass naturali f'Ċipru, l-Eġittu u Iżrael jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali, jippromovu s-sinerġiji u jtejbu s-sigurtà tal-enerġija Ewropea billi jiddiversifikaw il-provvista tal-gass naturali għas-suq Ewropew u jnaqqsu s-sehem Russu fih. Dan sar prijorità fid-dawl tar-relazzjonijiet dejjem agħar mar-Russja u l-użu tal-provvista tal-gass naturali bħala arma fil-kunflitt tagħha mal-Ukrajna.

F'dak il-kuntest, ġew diskussi diversi proġetti għat-trasport tal-gass naturali tal-Lvant tal-Mediterran lejn is-suq Ewropew. Il-proġett tal-pipeline tal-Lvant tal-Mediterran kien maħsub biex jgħaqqad iż-żoni tal-gass naturali Iżraeljani, Eġizzjani u Ċiprijotti mas-suq Ewropew permezz tal-Greċja. Madankollu, kunflitti politiċi u rivalitajiet reġjonali mhux solvuti fil-Lvant tal-Mediterran, inklużi t-tentattivi tat-Turkija li tikkontesta ż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi (ŻEE) tal-Greċja u tar-Repubblika ta' Ċipru, żammew għoljin il-livelli ta' riskju ġeopolitiku għal investimenti kbar fir-reġjun. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kost tal-estrazzjoni u t-trasport tal-gass naturali permezz tal-pipeline tal-Lvant tal-Mediterran propost baqa' f'livelli tant għoljin li huma ostaklu għas-suq Ewropew tal-gass naturali.

3.16. Ir-riżervi lokali tal-gass naturali ser jipprovdu għajnuna kruċjali biex jintlaħqu l-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-enerġija tal-istati kostali fil-Lvant tal-Mediterran, u l-eċċess jista' jiġi esportat bħala gass naturali likwifikat (LNG) lejn is-suq globali — u b'mod partikolari l-UE — permezz tal-Eġittu, li joffri soluzzjoni parzjali għall-problema tal-monetizzazzjoni.

3.17. Bħala parti mill-pjan REPowerEU biex tintemm id-dipendenza tal-UE mill-gass Russu malajr kemm jista' jkun wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, u kif stabbilit fl-istrateġija esterna tal-UE, il-forniturifin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran tal-LNG u tal-gass tal-pipeline (l-Eġittu, Iżrael, l-Alġerija) qed jintalbu jassumu rwol akbar fid-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass tal-UE u jżidu l-konsenji tagħhom lejn l-UE. Il-MtQ iffirmat mill-UE, l-Eġittu u Iżrael juri l-importanza tal-kooperazzjoni bbażata fuq il-kummerċ tal-gass naturali fir-reġjun, u r-rikonfigurazzjoni tar-relazzjonijiet tal-enerġija favur l-operaturi Mediterranji ispirata mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna. L-instabbiltà politika tipprevjeni lil-Libja milli jkollha rwol akbar f'dan il-kuntest il-ġdid, minkejja r-riżervi mdaqqsa tagħha ta' gass naturali.

4. **Sfidi u opportunitajiet**

4.1. L-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-Mediterran tista' tkun mira ewlenija biex jinkisbu l-objettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż iż-żieda fl-enerġija rinnovabbli, l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista u t-tnaqqis tal-kostijiet tas-sistema tal-enerġija. L-ebda pajjiż ma jista' jikseb tranżizzjoni ta' suċċess mingħajr ma jipproduċi, jaħżen u jesporta enerġija nadifa, mingħajr ma jikkonnettja l-grilja tiegħu mal-grilji tal-ġirien tiegħu, mingħajr ma jkun parti minn infrastruttura ġdida, għarfien espert, teknoloġija u mudell ta' governanza, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Minħabba l-komplementarjetajiet tal-enerġija bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, l-interkonnessjonijiet tal-enerġija huma kruċjali għall-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija integrata fiż-żona Ewro-Mediterranja. Madankollu, kif innutat fir-Rapport tal-UgħM-OECD dwar l-Integrazzjoni Reġjonali fl-Unjoni għall-Mediterran, l-interkonnessjonijiet għadhom fl-istadji bikrija tal-iżvilupp fir-reġjun tal-Mediterran. Huma biss it-Turkija u l-Magreb li bħalissa huma konnessi u sinkronizzati mas-sistema tal-elettriku tal-UE, u l-interkonnessjoni transfruntiera Marokkina-Spanjola hija l-unika linja li tgħaqqad l-UE man-Nofsinhar tal-Mediterran. Huma meħtieġa aktar interkonnessjonijiet, speċjalment biex tiġi żviluppata l-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija taħt sistema tal-enerġija rinnovabbli u bbażata fuq l-elettriku fir-reġjun Ewro-Mediterranju, li spiss hija deskritta bħala "komunità ta' grilja naturali" (Escribano).

4.2. Għaddejjin diversi proġetti ta' interkonnessjoni madwar il-Mediterran, inkluż il-proġett tal-Interkonnettur bejn l-Ewropa u l-Afrika (l-akbar kejbil ta' interkonnessjoni fid-dinja li qed jinbena bejn l-Eġittu, Ċipru, il-Greċja u l-UE), il-proġett ta' Interkonnessjoni bejn l-Italja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Bożnija-Ħerzegovina (l-ewwel interkonnessjoni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent għall-kummerċ tal-enerġija rinnovabbli) u l-Interkonnettur Elmed (interkonnettur tal-elettriku bejn it-Tuneżija u l-Italja għall-kummerċ tal-elettriku). Il-pjan Regolatorju Mediterranju ta' Interkonnessjoni tal-Elettriku tal-2020 żviluppat mill-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Mediterran (Med-TSO) identifika 15-il proġett ta' interkonnessjoni u jipprovdi analiżi kwantitattiva u kwalitattiva li turi l-fattibbiltà tal-kooperazzjoni multilaterali reġjonali.

4.3. Billi jisfruttaw is-suq intern tal-enerġija tal-UE, il-pajjiżi fil-periferija tal-fruntieri Mediterranji tal-UE jinsabu f'pożizzjoni tajba biex isiru ċentri ta' importazzjoni għad-dħul ta' enerġija rinnovabbli bi prezz baxx fis-suq tal-UE. Dan ikun partikolarment il-każ għal Spanja, Malta, l-Italja, il-Greċja u Ċipru. Huwa possibbli li jitkomplew ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-imsieħba esterni, u li dan isir b'mod allinjat mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.4. Għandhom isiru sforzi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' qafas regolatorju armonizzat fil-livelli reġjonali, nazzjonali u sottoreġjonali, li huwa ostaklu għall-iżvilupp ta' suq integrat tal-enerġija fil-Mediterran. L-interoperabbiltà tas-sistemi tal-enerġija u l-ġestjoni adegwata tal-interkonnessjonijiet huma elementi importanti li għandhom jiġu indirizzati. In-nuqqas ta' interkonnessjonijiet moderni Nofsinhar-Nofsinhar jew l-użu baxx tagħhom b'kummerċ modest tal-elettriku (b'mod partikolari fil-każ tal-Magreb minkejja l-interkonnessjonijiet eżistenti) jistħoqqlu attenzjoni minn dawk li jfasslu l-politika u mill-operaturi tal-enerġija.

4.5. Il-kooperazzjoni triangolari dwar l-enerġija fil-Mediterran ipprovdiet aktar opportunitajiet għal kollaborazzjoni f'dawn l-aħħar snin u hija mistennija li tibqa' mudell effettiv ibbażat fuq approċċ ta' benefiċċju għal kulħadd, speċjalment fil-Lvant tal-Mediterran bejn pajjiżi bħall-Greċja, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael u l-Ġordan. Kooperazzjoni aktar triangolari, speċjalment fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, tista' tippromovi aktar skambji u tikkontribwixxi wkoll għal relazzjonijiet bilaterali aħjar fir-reġjun.

4.6. Waħda mill-isfidi ewlenin biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u tinkiseb is-sigurtà tal-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran hija relatata mal-finanzjament ta' proġetti ewlenin tal-enerġija, speċjalment infrastruttura fiżika għalja. L-isforz ta' finanzjament jiddependi mill-gvernijiet, l-assistenza finanzjarja internazzjonali, u s-settur privat. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) fi ħdan l-NDICI-Ewropa Globali huwa mistenni li jgħin fil-promozzjoni tal-investimenti pubbliċi u privati fil-Viċinat tan-Nofsinhar permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi.

4.7. It-tranżizzjoni tal-enerġija fil-Mediterran teħtieġ li s-settur finanzjarju privat jaqleb minn investiment fil-fjuwils fossili għal proġetti rinnovabbli. Skont l-OECD, l-investimenti diretti fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA) għadhom qed jenfasizzaw b'mod sproporzjonat fuq proġetti tal-fjuwils fossili, filwaqt li l-investiment fl-enerġija rinnovabbli, għalkemm qed jiżdied, għadu taħt il-potenzjal tas-settur. Ħafna mill-kumpaniji tal-enerġija nazzjonali rilevanti fil-Mediterran huma kumpaniji tal-enerġija tradizzjonali li l-portafolji tagħhom huma primarjament magħmula minn investimenti u negozji relatati mal-fjuwils fossili. Madankollu, xi whud minnhom qed iċaqilqu dejjem aktar il-prijoritajiet ta' investiment tagħhom għas-suq tal-enerġija rinnovabbli.

4.8. Sabiex jiġi attirat aktar investiment fis-settur tal-enerġija, l-ambjent tan-negozju fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran jeħtieġ li jittejjeb. L-ostakli sistemiċi f'għadd ta' stati Mediterranji relatati mal-kompetizzjoni, il-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku, in-nuqqas ta' awtoritajiet regolatorji indipendenti u l-aċċess għall-art jippersistu u jeħtieġ li jiġu solvuti biex jiġi ffaċilitat l-investiment. L-assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran tista' tkun marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi mmirati lejn it-tneħħija ta' dawn l-ostakli.

4.9. Kif diskuss fis-Summit Ewro-Mediterranj ta' Lulju 2023, jistgħu jiġu eżaminati u applikati mudelli ta' finanzjament innovattiv biex jitħaffef il-pass fl-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. L-ikkunsidrar ta' mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda, bħal bonds ekoloġiċi jew fondi ta' investiment sostenibbli, jista' jidderieġi mill-ġdid il-kapital lejn proġetti u infrastruttura ewlenin tal-enerġija li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-finanzjament għandu jkun diversifikat u mifrux b'mod ġust bejn il-gvernijiet, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'mod partikolari għandhom rwol ewlieni biex itaffu l-impatti negattivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u għandhom jiġu appoġġjati biex iżidu l-kapaċitajiet u r-riżorsi tagħhom.

4.10. Permezz tal-kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fondi internazzjonali, se jissaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għal inizjattivi ta' tranżizzjoni tal-enerġija u l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli.

4.11. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), li huma l-pedamenti tal-ekonomiji tal-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, jistgħu jkunu parti essenzjali minn strateġija Ewropea ġdida dwar l-enerġija fir-reġjun Ewro-Mediterranju. Bħala xprun kemm għat-tkabbir kif ukoll għall-innovazzjoni, dawn għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-iżvilupp tat-teknoloġiji u fil-katina tal-valur kollha marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija, billi jipprovdu għarfien espert u soluzzjonijiet lil intrapriżi oħrajn, liċ-ċittadini u lis-settur pubbliku fil-Mediterran kollu.

4.12. Hemm ħtieġa urġenti li l-MSMEs u l-unitajiet domestiċi jiġu appoġġjati biex jifhmu u jiġġestixxu t-tranżizzjoni tal-enerġija bl-aħjar mod possibbli. Il-KESE jitlob għal miżuri ġenerali u mmirati ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, imwettqa b'mod koordinat u komplementari mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri, flimkien mal-organizzazzjonijiet kummerċjali, il-kmamar tal-kummerċ, l-imsieħba soċjali u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

4.13. Huwa ferm importanti li l-UE u l-Istati Membri jaċċeleraw l-investiment ekoloġiku fl-MSMEs billi jiżguraw li jkun hemm ambjent regolatorju abilitanti, prevedibbli u ta' inkoraġġiment, kif ukoll billi jiġi pprovdut aċċess rapidu, faċli, sempliċi u traċċabbli għall-finanzjament, adattat għall-ħtiġijiet differenti tal-gruppi diversi kollha tal-MSMEs.

4.14. Hija kruċjali kooperazzjoni mill-qrib bejn il-forniturі tal-edukazzjoni u l-MSMEs sabiex ifasslu taħriġ li jkopri l-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, il-KESE iqis li huwa essenzjali appoġġ għal attivitajiet ta' innovazzjoni għall-MSMEs billi tiġi inċentivata u ffaċilitata l-kooperazzjoni ma' negozji oħrajn, l-organizzazzjonijiet tagħhom, il-kmamar tal-kummerċ, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka.

4.15. Huwa essenzjali li l-komunitajiet jiġu awtonomizzati jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u b'hekk jiġi żgurat li l-ilħna tagħhom jinstemgħu u l-ħtiġijiet tagħhom jiġu ssodisfati. L-involviment tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul iċ-ċiklu ta' politika huwa essenzjali.

4.16. Il-kooperazzjoni mal-iskejjel, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se tipprovdi lill-ġenerazzjoni żagħżugħa għarfien dwar l-enerġija rinnovabbli u s-sostenibbiltà. Dan se jawtonomizzahom isiru sostenituri u parteċipanti attivi biex jixprunaw it-tranżizzjoni tal-enerġija.

4.17. Il-kuntest attwali li jirriżulta mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna u l-politika sussegwenti tal-UE biex tintemm id-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili Russi għal darb'oħra xeħet dawl fuq il-gass naturali. Bħalissa qed jiġu diskussi u ppjanati investimenti ġodda fl-infrastruttura tal-gass — prinċipalment fl-infrastruttura tal-LNG u sa ċertu punt il-pipelines — u l-esplorazzjoni, immirati biex iżidu u jiddiversifikaw il-provvista tal-gass naturali lejn l-UE, inkluż minn fornituri Mediterranji. Dawn l-investimenti jistgħu jibqgħu konsistenti mal-għanijiet klimatiċi tal-UE. Il-kunsiderazzjonijiet attwali fuq perjodu ta' żmien qasir ma jistgħux jaljenaw lill-UE u lill-imsieħba Mediterranji tagħha mill-prinċipju li l-gass naturali għandu jibqa' sors ta' enerġija ta' tranżizzjoni li ser jitneħħa gradwalment fuq terminu medju.

4.18. Sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mit-terminals tal-LNG eżistenti, speċjalment fil-Greċja, il-Portugall u Spanja, l-integrazzjoni tal-enerġija tal-UE tista' tissaħħaħ biex tippermetti l-fluss tal-gass naturali importat lejn il-bqija tal-UE. Il-pipeline tal-Interkonnettur tal-Gass bejn il-Greċja u l-Bulgarija u l-kostruzzjoni ta' terminal tal-LNG fil-port Grieg ta' Alexandroupolis huma sorsi ta' ispirazzjoni għal kooperazzjoni ulterjuri u aktar profonda fil-qasam tal-enerġija. Il-pjani biex jittejbu l-konnessjonijiet bejn il-peniżola Iberika u l-bqija tal-Ewropa permezz ta' "kuritur ekoloġiku", inkluż il-proġett tal-pipeline H2Med li jġorr l-idroġenu (minn Celorico sa Zamora u Barċellona sa Marsilja) li ntlaħaq qbil dwaru dan l-aħħar bejn il-Portugall, Spanja u Franza, huma konsistenti ma' dan l-approċċ.

4.19. Il-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja fil-qasam tal-enerġija tista' tqis it-tagħlimiet meħuda mill-falliment ta' proġetti fuq skala kbira, bħall-Pjan Solari għall-Mediterran, Desertec jew iċ-ċirku tal-enerġija Ewro-Mediterranju, minħabba n-nuqqas ta' realiżmu tagħhom jew il-viżjonijiet simplistiċi tar-realtajiet kumplessi fil-prattika. Il-lakuni fl-iżvilupp jistgħu jitqiesu aħjar biex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja dwar l-enerġija tibqa' kooperazzjoni vantaġġjuża, ġusta u realistika. F'dak is-sens, l-aċċess għall-finanzi, l-iskambju tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet għandhom ikunu l-pedamenti ta' din il-kooperazzjoni.

4.20. It-tfixkil attwali tax-xenarju tal-enerġija wassal għal volatilità għolja tal-prezzijiet, li min-naħa tagħha ġġenerat pressjonijiet inflazzjonarji fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Mediterran. Barra minn hekk, l-iżbilanċi marbuta mal-provvista tal-enerġija fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija jaffettwaw l-affordabbiltà tal-enerġija, u jheddu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-aċċess tal-MSMEs għall-enerġija. L-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fuq il-konsumaturi

u n-negozji jista' jittaffa, speċjalment minħabba li l-interrelazzjonijiet bejn l-ilma, l-enerġija u l-ikel huma l-bażi tal-istabbiltà u l-benessri soċjoekonomiċi fit-tul fir-reġjun Ewro-Mediterranju. Huwa importanti li l-bidla lejn sistema tal-enerġija aktar sostenibbli tenfasizza l-aċċess universali għal enerġija affordabbli u affidabbli f'konformità mal-SDG 7, u b'hekk issir ġusta u ekwa għall-konsumaturi kollha billi jitqiesu d-differenzi territorjali, bejn il-ġeneri u soċjali fl-aċċess għall-enerġija biex jintemm il-faqar enerġetiku.

4.21. Il-bidla minn sistema tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili għal sistema ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli inevitabbilment għandha konsegwenzi ġeopolitiċi, ekonomiċi u soċjali, li jinvolvu "telliefa fit-tranżizzjoni". Sabiex din it-tranżizzjoni tkun ġusta u soċjalment ekwa, il-gvernijiet jistgħu jakkumpanjaw l-industriji tal-fjuwils fossili u l-ħaddiema tagħhom permezz ta' skemi ta' riallokazzjoni lejn l-industriji tal-futur fuq iż-żewġ naħat tal-Baċir tal-Mediterran. L-UE tista' tħeġġeġ u tappoġġja d-diversifikazzjoni ekonomika ta' stati li jgawdu dħul enormi b'dipendenza żejda mir-riżorsi tal-fjuwils fossili biex jittaffew l-impatti destabbilizzanti tat-tranżizzjoni tal-enerġija fir-reġjun.

4.22. Fid-dawl taż-żieda fil-kooperazzjoni fl-enerġija bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran tagħha, tista' tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu aġġornati l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni eżistenti. Il-kapitoli dwar l-enerġija u l-investiment jistgħu jiġu adattati għal sfidi ġodda. Fl-istess ħin, huwa fundamentali li jiġu inklużi kapitoli dwar il-politika kummerċjali sostenibbli, l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u l-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO (il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negozjar kollettiv, ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal, l-opportunitajiet u t-trattament indaqs).

Brussell, is-26 ta' Ottubru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew